MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2024/2004

**Stivala Limited**

**vs**

**Alfred Spiteri Debono u b'digriet tal-11 ta' Jannar, 2005 giet ordnata korrezzjoni fis-sens li jitnizzlu l-isem u l-kunjom "Alfred Spiteri Debarro" minflok "Alfred Spiteri Debono"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u tmenin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm181.47) dovut bhala prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.**
**Illi nonostante li gie nterpellat permezz ta' ittra legali datata 28 ta' Lulju, 2004 dan baqa' inadempjenti.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra hawn fuq imsemmija u bl-imghax legali sal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici tal-20 ta' Mejju, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u tmenin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm181.47) bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Mejju, 2005 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Lulju, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------